VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,147, 4 ta' Ottubru, 2013
Taqsima B

A.L. 306 tal-2013

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81(1)(ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2013 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours), u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa, ippubblikati bħala Avviż Legali 299 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2013 jew wara.

L-Emenda għat-titlu tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok it-titlu tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"L-Ordinamenti tal-2010 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) (Midwifery) u (Radiography) taħt il-patroċinju tal-Fakultà tax-Xjenzi tas-Saħħa"

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"3. (1) L-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali għall-kors kif imniżżla fl-ordinamenti għall-kors għandhom ikunu magħżula minn fost l-applikanti kollha eliġibbli skont il-kategoriji li ġejjin, imniżżlin fl-ordni ta' preferenza:

L-ewwel kategorija: dawk bi grad 'A' fil-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat

It-tieni kategorija: dawk bi grad 'B' fil-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat

It-tielet kategorija: dawk bi grad 'Ċ' fil-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat

Ir-raba' kategorija: dawk bi grad 'D' fil-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat

Il-ħames kategorija: dawk bi grad 'E' fil-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat.

(2) L-applikanti li jkollhom ir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jistgħu joffru l-Bijoloġija fil-Livell Avvanzat jew bħala parti mir-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul jew b'żieda mar-Rekwiżiti Ġenerali għad-Dħul.

(3) Meta l-applikanti joffru aktar minn ċertifikat wieħed li għaddew fil-Bijoloġija, għandu jitqies l-aħjar grad.

(4) Għall-għan tal-għażla, l-applikanti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali u speċjali kollha għad-dħul fil-kors u li jkunu ssottomettew ċertifikat oriġinali tal-kondotta tal-pulizija riċenti (maħruġ mhux aktar minn 6 xhur qabel) lill-Fakultà sal-31 ta' Awwissu ta' qabel ma jibda l-kors, għandhom jitqiesu l-ewwel.

(5) Jekk in-numru ta' applikanti eliġibbli li jkunu fl-aħħar kategorija ta' applikanti eliġibbli biex jidħlu skont id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (1) ta dan l-ordinament huwa tali li n-numru totali ta' applikanti biex jidħlu jaqbeż in-numru ta' postijiet stabbiliti mis-Senat, l-ewwel konsiderazzjoni għandha tingħata lil dawn:

(a) il-livell globali milħuq mill-applikanti fis-suġġetti kollha ppreżentati għall-għoti taċ-Ċertifikat tal-Matrikola. Dan għandu jkun determinat mis-somma tal-punti allokati għal kull suġġett, li għandhom ikunu assenjati kif ġej:

	Livell Avvanżat	**Livell Intermedju**
Grad A	30 punt	10 punti
Grad B	24 punt	8 punti
Grad Ċ	18–il punt	6 punti
Grad D	12-il punt	4 punti
Grad E	6 punti	2 punti

(b) jekk dan ma jkunx biżżejjed, l-applikanti eliġibbli li jkun baqa' f'dik il-kategorija għandhom ikunu intervistati minn Bord tal-Intervisti maħtur mill-Bord għal dan il-għan sabiex jimtlew il-post jew il-postijiet li jifdal."